MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tad-29 ta' April, 2005

Appell Civili Numru. 493/1991/1

**Louis Camilleri bhala mandatarju specjali ghan-nom u in rapprezentanza tal-assenti Ferdinando Califano**
**v**

**Kontrollur tad-Dwana**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

Dan huwa provvediment dwar il-validita` o meno tad-digriet li permezz tieghu Louis Camilleri gie ammess ghall-

Ghajnuna Legali a tenur tal-provvedimenti tat-Titolu X tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

B'rikorsipprezentat fl-10 ta' Mejju, 1991 fil-Prim Awla tal-Qorti Civili, Louis Camilleri bhala mandatarju specjali ghan-nom u in rapprezentanza tal-assenti Ferdinando Califano talab li a tenur ta' l-Artikolu 72 tal-Kap 37 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Prim Awla tal-Qorti Civili tordna lill-intimat Kummissarju tad-Dwana jirrilaxxa favur tieghu l-karozza imsemmija fin-nota ta' Qbid numru 17/1991 u cioe` Mercedes 250D Registrazzjoni numru CS 467294.

F'dawk il-proceduri, li gew determinati in prim istanza b'sentenza tat-22 ta' Mejju, 2002, l-attur nomine kien qed jigi patrocinat mill-Avukat Dottor Louis Cassar Pullicino.

Bis-sentenza fuq imsemmija l-Prim Awla tal-Qorti Civili, wara li ddikjarat li fic-cirkostanzi ma setghetx tqis it-talba tar-rikorrent nomine bhala gustifikata, cahdet l-istess talba bl-ispejjes kontra tieghu.

Fil-11 ta' Gunju, 2002 gie intavolat rikors ta' appell mis-sentenza fuq imsemmija mir-rikorrent Ferdinando Califano, dejjem kif rapprezentat minn Louis Camilleri. Jidher, pero`, li f'dawn il-proceduri ta' appell, l-appellant issa qed jigi patrocinat minn Dottor Martin Fenech (li flimkien mal-Prokuratur Legali Victor Bugeja, gew assenjati bhala difensuri tal-appellant in segwitu ghal talba ta' **Louis Camilleri proprio** biex jigi ammess ghall-beneficcju gratuwitu halli jkun jista' jipprocedi bl-appell mis-sentenza fuq imsemmija) u dana in forza ta' digriet tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tal-31 ta' Mejju, 2002.

Fl-udjenza tal-15 ta' Frar, 2005 din il-Qorti esprimiet il-preokkupazzjoni taghha "*tal-mod apparentement legger li bih f'dan il-kaz l-Assistent Avukat ghall-Ghajnuna Legali jidher li ddikjara li hemm lok ghall-ammissjoni ghall-beneficcju ta' l-istess ghajnuna legali*" billi osservat li "*l-appellant huwa semplicement mandatarju specjali ta' persuna assenti, u hija ghalhekk dik il-persuna assenti li trid tipprova li ma ghandhiex mezzi ….*" Kien ghalhekk li

f'dik l-udjenza l-appell gie differit ghal data ohra biex jidher l-Assistant Avukat ghall-Ghajnuna Legali u jaghti l-ispjegazzjonijiet tieghu.

Hadet konjizzjoni tal-ispjegazzjoni tal-Assistant Avukat ghall-Ghajnuna Legali, kif ukoll tas-sottomissjonijiet ta' l-istess Louis Camilleri.

**Ikkunsidrat:**

Mhux kkontestat, anzi mill-atti tal-kawza jidher ampjament car, li l-proceduri fuq imsemmija gew istitwiti minn Ferdinando Califano wara li l-vettura tal-marka Mercedes 250D numru ta' registrazzjoni CS 467294, li huwa dahhal Malta fil-25 ta' Jannar, 1991, giet maqbuda mill-Kontrollur tad-Dwana b' "nota ta' qbid" numru 17/1991.

Fir-rikors promotur l-istess Califano jghid li meta huwa dahal Malta l-karozza in kwistjoni kienet gja "mibjugha lil terzi"[1]; b'dana kollu ma jirrizultax li matul il-proceduri quddiem il-Qorti ta' Prim Istanza, xi terza persuna jew sahansitra l-istess Louis Camilleri, assumew l-atti tal-kawza minflokk l-istess Califano. Dana anke minkejja dak li allega l-istess Louis Camilleri quddiem din il-Qorti fl-udjenza tad-19 ta' April, 2005 u cioe` li huwa sid il-vettura maqbuda. Infatti s-sentenza tat-22 ta' Mejju, 2002 tal-Prim Awla tal-Qorti Civili nghatat fil-konfront ta' Ferdinando Califano li gie ukoll ikkundannat ihallas l-ispejjes tal-kawza.

B'dana kollu jidher li t-talba maghmula ghall-ghajnuna legali giet hekk maghmula f'isem Louis Camilleri personalment[2] li, skond l-Assistent Avukat ghall-Ghajnuna Legali, mhux biss halef li jidhirlu li ghandu raguni tajba biex jipprocedi bl-appell izda halef ukoll li huwa ma ghandu ebda proprjeta` li tiswa b'aktar minn LM3,000 jew xi income li jeccedi l-paga minima nazzjonali. Anke hawn l-imsemmi Assistent Avukat ghall-Ghajnuna Legali, bi traskuragni grassa, informa malament lill-Prim Awla ghax, kif jidher mid-deposizzjoni tar-rikorrent a fol. 8 ta' l-atti, kull

[1] Ara fol. 2 tar-rikors promotur a fol 2 tal-process.
[2] Ara fol. 7 tal-proceduri fi stadju ta' l-appell.

ma qal bil-gurament l-imsemmi Camilleri quddiem l-istess Avukat fit-30 ta' Mejju, 2002, kien li hu ma jahdimx (apparti li qal li kienet inghatat is-sentenza fit-22 ta' Mejju, 2002 u li hu xtaq jintavola appell minnha). Issa hu evidenti li s-semplici fatt li persuna "ma tahdimx" ma jfissirx necessarjament jew invarjabbilment li dik il-persuna m'ghandha ebda proprjeta` li tiswa b'aktar minn LM3,000 jew li m'ghandhiex income li jeccedi l-paga minima nazzjonali. Kieku kien mod iehor, kull benestant jikkwalifika ghal tali ghajnuna! Fuq dan ir-rikors l-Assistent Avukat ghall-Ghanjuna Legali rrelata li fil-fehma tieghu "ir-rikorrent" ghandu *probabilis causa litigandi* u li ghalhekk ghandu jigi ammess ghall-beneficcju mitlub. Konsegwentement, kif gja inghad, il-Prim Awla tal-Qorti Civili akkordat it-talba ta' Louis Camilleri b'digriet tal-31 ta' Mejju, 2002.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

L-Artikolu 911 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi li "*It-talba ghall-beneficcju sabiex wiehed **iharrek** jew **jiddefendi*** (enfazi tal-Qorti) *bil-beneficcju ta' ghajnuna legali …… ghandha ssir b'rikors fil-Prim Awla tal-Qorti Civili.*" Minn dan l-artikolu jidher car li talba ghall-ghajnuna legali tista` ssir biss, u tali ghajnuna tista` tinghata biss, li dawk il-persuni li jkun direttament involut fi proceduri legali, kemm bhala attur jew bhala konvenut, u li jkunu issodisfaw il-Qorti li ghandhom *probabilis causa litigandi* u li ma ghandhomx il-mezzi imsemmija fis-subinciz (b) ta' l-Artikolu 912. Tali assistenza, ghalhekk, ma tistax tinghata li xi terza persuna ohra li ma jkollha x'taqsam xejn mal-meritu ta' dawk il-proceduri u li ma jkollhiex interess personali fl-ezitu ta' dawk il-proceduri.

Issa, fil-kaz in ezami, it-talba ghall-Ghajnuna Legali saret minn Louis Camilleri <u>personalment</u> u l-assitenza legali nghatat lilu fil-kapcita` tieghu personali u mhux fil-kapacita` tieghu ta' mandatarju specjali ta' l-assenti Ferdinando Califano, billi wkoll id-dikjarazzjoni guramentata dwar ir-rekwiziti mehtiega ghall-ghoti ta' tali ghajnuna legali msemmija fl-artikolu 912 saret mill-istess Camilleri sew fir-rgward tal-*probabilis causa litigandi*, kif

ukoll dwar in-nuqqas ta' mezzi. Jidher ghalhekk li id-digriet tal-31 ta' Mejju, 2002 kien affett minn zball fondamentali, sollevabbli ex officio minn din il-Qorti, u konsegwentement huwa null.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija din il-Qorti tirrevoka d-digriet tal-31 ta' Mejju, 2002 tal-Prim Awla tal-Qorti Civili li permezz tieghu Louis Camilleri inghata l-ghajnuna legali, tordna lir-Registratur jinforma b'dan il-provvediment lill-Avukat Dottor Martin Fenech, u tiddifferixxi l-appell ghall-kontinwazzjoni ghal nhar it-Tlieta, 10 ta' Mejju, 2005 fil-11.30 am.  Spejjez ta' dan l-incident a karigu ta' l-appellant.

Fl-ahharnett din il-Qorti tordna li kopja ta' dan il-provvediment tigi komunikata lill-Ministru responsabbli mill-Gustizzja.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------